MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 305/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincenzo Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincenzo Abela talli fit-12 ta' April 2007 ghall-habta tad-9.00 gewwa 111, Flat 2, Carmel Court, Mensija Street, San Gwann, hebb ghal martu Romina Abela u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. J. Debono M.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Vincenzo Abela hati

ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal twiddiba u canfira;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Romina Abela pprezentat fit-2 ta’ Awissu 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi tbiddel il-piena u tinfliggi piena lil Vincenzo Abela skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda pregudizzjali mqajma mid-difensur ta’ l-appellat li l-ufficcju ta’ l-Avukat Generali ma kienx f’pozizzjoni li jittratta r-rikors ta’ appell ipprezentat minn Romina Abela. Tali pregudizzjali tittraduci ruhha f’eccezzjoni ta’ nullita` tar-rikors ta’ appell ghar-raguni li f’dan il-kaz id-dritt ta’ appell kien jispetta lill-Avukat Generali u mhux lill-kwerelanti.

Issa, il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista’ jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali: jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f’kull kaz (art. 413(1)(a)), fil-kazijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b), “l-Avukat Generali, u, fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant”, u, fil-kazijiet l-ohra kollha, (art. 413(1)(c)), l-Avukat Generali.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta’ Frar 2000 (per Imhallef Vincent DeGaetano - illum Prim’ Imhallef) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Vella** fejn gie trattat dan l-istess punt, gie ritenut hekk:

**“Jigifieri l-kwerelant jista’ jappella biss meta (a) ir-reat ikun ta’ kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun**

**jinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma' l-Artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz; u (c) il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provvdut fl-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u tal-kwerelat (l-imputat) (u ghalhekk mill-*occhio* tas-sentenza ikun jidher li l-partijiet fil-kawza huma l-kwerelant u l-imputat, u mhux il-Pulizija u l-imputat)(ara f'dan is-sens *Il-Pulizija v. Philippa Farrugia*, 6/12/1995 u s-sentenzi l-ohra imsemmija f'din is-sentenza; *Il-Pulizija v. Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras*, 20/1/1997; u *Il-Pulizija v. Raymond Sultana*, 11/7/1997)."**

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni nbdiet b'tahrika ta' kawza tal-Pulizija u mhux b'tahrika ta' kawza privata, u l-azzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva – kif del resto jixhed l-*occhio* tal-kawza: **<u>Il-Pulizija</u> v. Vincenzo Abela**. Ghalhekk seta' jappella biss l-Avukat Generali. Il-kwerelanti setghet biss se mai taghmel it-talba skond l-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali biex dan – l-Avukat Generali – jikkunsidra kellux jappella.[1] Ma jirrizultax li saret tali talba. Ghalhekk Romina Abela ma setghetx tappella kif effettivament ghamlet.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

[1] Ara diversi Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Bugeja** tal-25 ta' Jannar 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------